MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 287/1997/1

George Falzon
vs
Malta International Airport  Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ 1993 huwa sofra ingustizzja f’li ma nghatax promozjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej.  Hu applika tliet darbiet ghall-grad ta’ ‘Shift Leader’ u qatt ma nghatatlu din il-hatra ghalkemm ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal aktar minn 34 sena anzi din il-promozzjoni dejjem inghatat lil nies b’inqas servizz u esperjenza minnu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud

dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni li haqqu jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' Malta International Airport p.l.c. gia Malta International Airport Limited illi eccepiet:

1. Illi s-socjeta` intimata giet inkorporata fis-16 ta' Mejju 1991 (Dokument 1) u minn dak in-nhar sal-lum hija harget tlett sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Shift Leader.

2. Illi wara l-ewwel sejha ghall-applikazzjonijiet b'ittra in data 25 ta' Marzu 1995 is-socjeta` intimata hatret lil Nicholas Vassallo bhala Shift Leader b'effett mill-1 ta' April 1993 u dwar din il-hatra r-rikorrent ma qal propju xejn u ma ressaq ebda ilment.

3. Illi t-tieni sejha ghall-applikazzjonijiet saret fit-30 ta' Gunju 1993 u minn wiehed u ghoxrin (21) applikant (li fosthom kien hemm ir-rikorrent) intaghzel Joseph Micallef li kien ilu jokkupa l-kariga ta' Airport Attendant mid-29 ta' Ottubru 1990 u cioe` minn qabel ma twaqqfet is-socjeta` intimata meta l-impjegati ta' l-Ajruport kienu impjegati tal-Gvern fl-Air Terminal Department.

4. Illi dwar din il-promozzjoni saru rapprezentazzjonijiet minn Jack Calamatta, dak iz-zmien Deputat Segretarju Generali tal-General Workers Union, f'isem ir-rikorrent u dan il-kaz sahansitra kien gie riferut lid-Direttur tax-Xoghol.

5. Illi pero` b'ittra tat-28 ta' Frar 1994 (Dokument 2) l-istess Jack Calamatta informa lis-socjeta` intimata li "qieghed naghti parir lis-Sur George Falzon li minflok ghalissa mmorru arbitragg nistennew li johorgu l-promozzjonijiet (godda), biex b'hekk il-membru jkun jista' japplika, bil-hsieb li jigi moghti promozzjoni."

6. Illi mbaghad fl-10 ta' April, 1995 saret sejha ohra ghal applikazzjonijiet ghal post ta' Shift Leader u bhala rizultat ta' dan is-socjeta` intimata irceviet tmienja u ghoxrin (28) applikazzjoni (fosthom kien hemm dik tar-rikorrent) pero` disa' applikanti ghazlu li ma jattendux ghal intervista maghmula appozitament fil-process ta' l-ghazla li tigi spjegata aktar 'il quddiem u liema intervista saret fl-1 ta' Gunju 1995.

7. Illi b'ittra in data 27 ta' Gunju 1997 is-socjeta` intimata hatret li Noel Baldacchino Shift Leader b'effett mill-1 ta' Lulju 1995 u din id-darba r-rikorrent ressaq ilment lill-Ombudsman u wara li dan iddecieda li jillimita l-investigazzjoni tieghu ghas-sejha ghall-applikazzjonijiet li saret f'April 1995 l-Ombudsman b'ittra tas-26 ta' Marzu 1996 (Dokument 3) informa lis-socjeta` intimata li "I have informed complainant that following investigation I formed the opinion that his complaint is not justified and cannot be sustained."

8. Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma ghandux jaccetta li jezercita s-setghat tieghu dwar din l-ahhar hatra stante li dan il-kaz gja gie investigat mill-Ombudsman li, del resto, issucceda l-Kummissjoni mwaqqfa taht l-Att dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

9. Illi, in ogni caso, din l-ahhar hatra saret fis-27 ta' Gunju 1995 b'effett mill-1 ta' Lulju, 1995 cioe` barra z-zmien li ghalih huwa applikabbli l-Att VIII tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ai termini ta' l-artikolu 5(4) ta' l-istess Att u li tahtu sar dan l-ilment permezz tar-rikors odjern intavolat mir-rikorrent.

10. Illi ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat illi ghal kull mili ta' vakanzi fl-impieg mas-socjeta` intimata tinhareg sejha

ghall-applikazzjonijiet u sussegwentement issir intervista lill-applikanti kollha.

11. Illi hija procedura stabbilita fl-istess socjeta` li ghal kull intervista li ssir, jinhatar Bord ta’ l-Ghazla ad hoc li normalment ikun kompost minn Direttur tas-socjeta`. Il-Manager responsabbli mid-Dipartiment li fih tkun ser timtela il-vakanza u l-firmatarju.

12. Illi kull membru tal-Bord ta’ l-Ghazla jkollu assessment sheet li timtela waqt l-intervista u kull applikant bazikament jigi mostoqsi l-istess mistoqsijiet u jigi assessed separatament minn kull membru tal-Bord ta’ l-Ghazla skond id-dispozizzjoni tieghu u skond it-twegibiet li jaghti.

13. Illi wara kull intervista l-Bord ta’ l-Ghazla mahtur appozitament permezz tal-firmatarju, jiccirkola rapport bir-rakkomandazzjoni tieghu lid-diretturi kollha tal-Kumpanija u l-Bord tad-Diretturi imbaghad jigi mitlub japprova jew jichad ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta’ l-Ghazla.

14. Illi mid-data ta’ l-inkorporazzjoni tas-socjeta` intimata, il-bord tad-Diretturi qatt ma cahad ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta’ l-Ghazla u dejjem qabel ma u approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta’ l-Ghazla.

15. Illi f’dan l-ezercizzju s-socjeta` intimata tkun iggwidata minn u timxi skond il-kriterji tal-ftehim Kollettiv (Dockument 4) fejn, fi Klaswsola 22(a) hemm stipulat hekk:- *“Meta taghti promozzjonijiet u/jew timla xi vakanzi, il-Kumpanija ghandha tikkunsidra l-htigijiet ta’ l-impieg u taghti l-konsiderazzjonijiet mehtiega lill-fatturi bhal ma huma abbilta`, efficjenza, addattar, kwalifiki akkademici u mgieba generali fil-Kumpanija.”*

16. Illi f’kull hatra u promozzjoni is-socjeta` intimata dejjem segwiet il-fuq imsemmija proceduri u kriterji u naturalment anke fil-kazijiet li r-rikorrent donnu qieghed jilmenta fuqhom) u hu sottomess li kien ghalhekk li r-rikorrent ma qal xejn dwar l-ewwel promozzjoni ghaliex propju ma kellux xi jghid kien hu stess li irtira l-kaz tieghu fir-rigward

tat-tieni promozzjoni u tilef il-kaz l-iehor tal-1995 quddiem l-Ombudsman!

17. Illi ghandu wkoll jigi rilevat illi r-rikorrent ilu mil-bidu nett impjegat mas-socjeta` intimata fis-Security Department ta' l-istess socjeta` mentri ix-xoghol ta' Shift Leader huwa relatat assolutament ma' dak ta' Airport Attendant u b'ebda mod relatat max-xoghol ta' Security Assistant. Infatti Shift Leader hu Supervisor ta' l-Airport Attendants u kemm ilha imwaqqfa is-socjeta` intimata l-kariga ta' Shift Leader dejjem giet mimlija minn impjegat li qabel kien jokkupa l-kariga ta' Airport Attendant.

18. Illi r-rikorrent dan jafu tant tajjeb li fis-16 ta' April 1992 biss ftit xhur wara li bdiet l-operazzjonijiet is-socjeta` intimata, huwa applika ghal trasferiment minn Security Assistant ghal Airport Attendant (Dockument 5) izda b'ittra datata "July 92" huwa irtira din it-talba (Dokument 6).

19. Illi bhal li kieku dan ma kienx bizzejjed b'ittra in data 21 ta' April 1994 is-socjeta` intimata infurmat lir-rikorrent li kien qieghed jigi promoss ghal Airport Attendant 2 b'effett mill-1 ta' Mejju 1994 (Dokument 7) izda wara li hu accetta din il-promozzjoni b'ittra ohra minnu lill-istess socjeta` in data 31 ta' Mejju 1994 huwa irringrazzjaha ghall-promozzjoni li tatu izda zied jghid *"After having considered my position within the Company, I regret to inform you that I shall not be accepting this promotion. I understand that this will not jeopardise my opportunities for any further promotions"* (Dokument 8).

20. Illi ghalhekk jirrizulta li, ghal dak li jirrigwarda Shift Leader, ir-rikorrent baqa' jgharraq lilu nnifsu ghalkem is-socjeta` intimata ippruvat tghinu kemm setghet.

21. Illi del resto meta r-rikorrent kien eligibbli ghall-promozzjoni din il-promozzjoni fil-fatt inghatat tant li b'effett mill-1 ta' Ottubru, 1994 ir-rikorrent gie promoss ghal Safety and Security Assistant 2 minn /Safety and Security Assistant 1 ghalkemm ghall finijiet ta' seniority kien effettiv mill-1 ta' Mejju 1994 (Dokument 9).

22. Illi ghandu jinghad ukoll illi kemm ilu r-rikorrent impjegat mas-socjeta` intimata huwa qatt ma ghamel xoghol ta’ Shift Leader kif donnu qieghed jallega fir-rikors tieghu.

23. Illi ghal dawn ir-ragunijiet u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu waqt is-smiegh ta’ dawn il-proceduri, hu sottomess illi t-talba rikorrenti hija nfondata kemm jista’ jkun w ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti mis-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra.

**PROVI:**
Illi r-rikorrent xehed li kien ilu erbgha u tletin sena jahdem mal-Gvern l-Airport u fl-1992 meta giet imwaqqfa l-Malta International Airport dahal bhala security officer mal-Kumpanija fejn dam jahdem hemm ghal sitt snin sakemm ghadda bord. Semma li kien applika ghal shift leader fl-1994 u 1996. Qal li fl-1994 kien gie appuntat wiehed biss, Nikol Vassallo li kien dahal fl-istess zmien tieghu xi erbgha u tletin sena qabel. Hu qal li kien kellem lir-rapprezentant tal-Union u fil-fatt esebixxa dokumenti minn fol 58 sa 62 li huma ittri tal-union f’dak ir-rigward. Hu esebixxa l-applikazzjoni tieghu ghal shift leader u l-acknowledgement tal-Kumpanija a fol 114 sa 119.

Xehed Jack Calamatta li qal ilu jaf lir-rikorrent mill-1970. Semma li f’Gunju 1993 kienet saret sejha ghal Shift Leaders u kien hemm xi 21 applikant u r-rikorrent kien wiehed minnhom, fejn qal li r-rikorrent ma kienx intghazel u ntghazel Joseph Micallef. Qal li jiftakar li r-rikorrent kien mar il-Union dak iz-zmien u kien ilmenta mieghu. Spjega li f’laqgha li kellu ma’ ufficjali tal-Malta International Airport

kien issottolineja li r-rikorrent kien wiehed mill-anzjani li kien f’xi zmien anke acting u li hu kien bniedem dixxiplinat u ma kellux kazijiet ta’ dixxiplina kontra tieghu u kkonferma l-ittra li kien kiteb hu a fol 58, fir-rigward tar-rikorrent. Qal li hu kien ta parir lir-rikorrent li tohrog applikazzjoni ohra minflok imur arbitragg.

Xehed Emanuel Cilia Debono li kien Direttur tax-Xoghol li qal li jiftakar li f’xi zmien kien hemm kwistjoni dwar ir-rikorrent. qal li hu kien prezenti waqt xi diskussjonijiet u din kienet u kien intervjena s-Sur Calamatta li nsista li r-rikorrent kien inqabez fil-promozzjoni. Semma li kienet saret laqgha bejn il-membri tal-Union u l-ufficcjali tal-Malta International Airport. Izda hu ma eskludiex li jista’ jkun li mhux l-Malta International Airport ippromettiet li tara l-kaz ta’ promozzjonijiet futuri, izda seta’ kien suggeriment tas-Sur Calamatta lir-rikorrent biex jistema’ promozzjonijiet sussegwenti.

Xehed Alfred Mangion Division Manager fis-Sezzjoni Rizorsi Umani tal-Malta International Airport. Qal li l-Malta International Airport giet imwaqqfa f’Mejju 1991 u qal li kien hemm hames jew sitt impjegati u kienet ghadha taht l-Air Terminal Board u eventwalment kienet bdiet topera f’Jannar 1992 u kienu hadu madwar 250 impjegat minn mal-Air Terminal Department. Qal li r-rikorrent dahal mal-Kumpanija fl-1 ta’ Jannar 1992 bhala Safety and Security liema kariga kienet accettata bil-miktub mir-rikorrent hekk kif jidher minn fol 83. Zied ighid li fl-ewwel sejha ghall-applikazzjoni ghal shift leader kien inhatar bhala shift leader, airport attendant. Qal li fit-tieni sejha ghall-applikazzjonijiet li kien hemm ghal shift leader, u kien rega applika r-rikorrent u wara li saru l-interviews kien inhatar Joe Micallef. Wara dan qal li r-rikorrent kien kellem lill-Union u li min-naha tal-Malta International Airport dejjem spjega li r-rikorrent ma kienx f’linja diretta. Zied ighid li min-naha tal-Malta International Airport tant hadet dan is-suggeriment tal-General Workers Union bis-serjeta li riedet li lis-Sur Falzon jigi in linea diretta u fil-fatt fl-1994, ir-rikorrent gie moghti promozzjoni minn Security ghal Attendant II biex jigi in linea diretta u anke nghata zieda finanzjarja. Izda semma li fl-1994 ir-rikorrent kiteb ittra li

ma kienx ser jaccetta din il-hatra u kien ser jibqa’ fis-security.

Esebixxa dokumenti relevanti minn fol 89 sa 102, id-dokumenti kollha relevanti li xehed dwarhom fejn jidhru s-sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghal shift leader u kif ukoll l-ittra tal-hatra tar-rikorrent ghall-pozizzjoni ta’ Attendant II a fol 98 u fl-ittri ta’ wara din jidher li r-rikorrent kien qed jitlob li jibqa’ fil-post originali tieghu.

In kontro ezami qal li kkonferma li r-rikorrent ma kienx applika ghall-grad ta’ shift leader kif jidher minn fol 89, fejn jidher li fil-fatt ir-rikorrent kien applika ghal Security, ghal Supervisor u ghal House Keeper Attendant, u mhux ghal shift leader. Semma wkoll li l-procedura tal-linja diretta fir-rigward tal-promozzjonijiet bdiet issehh fl-1996. Semma li din kienet giet inkorporata fil-collective agreement u fejn hemm imnizzel car dwar dan il-kaz tal-linja diretta.

**KONKLUZJONIJIET:**

Fil-5 ta’ Ottubru 1999 Dr. Buttigieg ghar-rikorrenti prezenti ddikjara li l-ingustizzja ilmentata hija dwar nuqqas ta’ appointment ta’ shift leader fil-25 ta’ Marzu 1995 b’ effett mill-1993 f’ liema okkazjoni gie mahtur Nicholas Vassallo (fol 52). Ghalhekk dan ifisser li l-aspetti possibbli ohra tal-ilment dwar il-promozzjonijiet in segwitu ta’ sejha ohra tat-30 ta’ Gunju 1993 li fiha ntghazel Joseph Micallef u tal-10 ta’ April 1995 ma kienux inkluzi fl-ilment tar-rikorrent. Irrizulta fil-kors tal-kawza li r-rikorrent kien ilu jahdem ghal snin twal u kien persuna dixxiplinata. Ir-rikorrent sostna li hu nqabez fil-promozzjoni.

Fil-kors tal-kawza s-socjeta` intimata stqarret li l-procedura stabbilita kienet li jinhatar bord tal-ghazla *ad hoc* normalment kompost minn diretturi tas-socjeta` inkluz il-manager responsabbli li fih tkun ser timtela l-vakanza. Dan il-bord jaghmel assessment li jsir waqt l-intervista u kull applikant jigi mistoqsi bazikament l-istess domandi. Ir-rapport maghmul mill-bord jigi cirkulat lid-diretturi u ghalkmm id-diretturi jistghu jichdu r-rakkomandazzjonijiet tal-bord tal-ghazla, mid-data tal-inkorporazzjoni tas-socjeta` intimata qatt ma cahdu tali rakkomandazzjoni.

Sostniet li l-process isir skond il-Ftehim Kollettiv klawsola 22(a).

Forsi l-ahjar mod kif il-pozizzjoni tar-rikorrent tista' tigi spjegata dwar il-prospetti tieghu ghall-promozzjoni giet deskritta tant tajjeb mis-Sur Alfred Mangion li qal li min-naha tal-Malta International Airport tant hadet dan is-suggeriment tal-General Workers Union bis-serjeta` li riedet li lis-Sur Falzon jigi in linea diretta u fil-fatt fl-1994, ir-rikorrent gie moghti promozzjoni minn Security ghal Attendant II biex jigi in linea diretta u anke nghata zieda finanzjarja. Izda semma li fl-1994 ir-rikorrent kiteb ittra li ma kienx ser jaccetta din il-hatra u kien ser jibqa' fis-security. Dan qed jinghad fis-sens li wara li r-rikorrent ma kienx ha l-promozzjoni in kwistjoni kien ilmenta permezz tal-General Workers' Union dwar in-nuqqas tal-hatra u s-socjeta` intimata kienet anke spjegat ir-ragunijiet ghaliex. Kif spjega Alfred Mangion li kieku r-rikorrent accetta l-imsemmija promozzjoni kien ikollu prospetti ferm aktar favorevoli biex javvanza izda hu kien ghazel li ma jaccettax tali promozzjoni u b' rihet hekk jigi in linea diretta. Huwa veru li l-policy tal-linea diretta giet aktar u aktar affermata in segwitu ta' dawn l-applikazzjonijiet pero` certament li dan it-Tribunal ma jistax iqis li meta r-rikorrent ma nghatax il-promozzjoni din ikkostitwiet ingustizzja fit-termini tal-Kap 394.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata. Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------